**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-427/12)** ([1])

***[Rikors għal annullament — Għażla tal-bażi legali — Artikoli 290 TFUE u 291 TFUE — Att iddelegat u att ta' implementazzjoni — Regolament (UE) Nru 528/2012 — Artikolu 80(1) — Prodotti bijoċidali — Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Stabbilimenti tad-drittijiet mill-Kummissjoni]***

(2014/C 142/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Smulders, C. Zadra u E. Manhaeve, aġenti)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L. Visaggio u A. Troupiotis, aġenti); Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Moore u I. Šulce, aġenti)

*Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuti:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, E. Ruffer u D. Hadroušek, aġenti); Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: V. Pasternak Jørgensen u C. Thorning, aġenti); Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues, D. Colas u N. Rouam, aġenti); Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman u M. Noort, aġenti); Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: H. Leppo u M. J. Leppo, aġenti); Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: C. Murrell u M. Holt, aġenti, assistiti minn de B. Kennelly, barrister)

**Suġġett**

Rikors għal annullament – Artikolu 80(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, p. 1), sa fejn din id-dispożizzjoni tipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri li jistabbilixxu d-drittijiet pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi permezz ta' att ta' implementazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u mhux permezz ta' att iddelegat skont l-Artikolu 290 TFUE – Għażla tal-bażi legali – Attribuzzjoni tas-setgħat leġiżlattivi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jattribwixxi lill-Kummissjoni

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

3) *Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Finlandja, kif ukoll ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

([1]) ĠU C 355, 17.11.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 – Rousse Industry vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-271/13 P)** ([1])

***(Appell — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija mir-Repubblika tal-Bulgarija fil-forma ta' kanċellament ta' debiti — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara din l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta' "għajnuna ġdida" — Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2014/C 142/09)

*Lingwa tal-proċedura: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Appellanti:* Rousse Industry (rappreżentanti: A Angelov u S Panov, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Caviedes u D. Stefanov, aġenti)